MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Numru 225/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Joseph Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Pace ta’ 65 sena bin Joseph u Josephine nee’ Zammit imwieled Valletta u residenti “Fawwara Buildings”, Triq Guzi Fava, Sliema, detentur ta’ karta ta’ identita numru 384735(m) akkuzat talli:

1. Fil-25 ta’ Novembru 1998 f’dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f’atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz

jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati u xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi foloz, u cioe' dikjarazzjoni lill-Malta Financial Services Centre – bi ksur ta' l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9;

2. fl-istess cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz, jew ta taghrif falz, jew ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ffalsifikati – bi ksur ta' l-Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat ta' falsifikazzjoni taht l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kap 9 liema falsifikazzjoni jinghad li tikkonsisti filli l-imputat irrediga, iffirma u pprezenta lir-Registratur tal-Kumpaniji risoluzzjoni ostensibilment mehuda f'laqgha straordinarja tas-socjeta' TOR Limited u li permezz taghha giet inserita klawsola gdida fl-Artikoli tal-Assocjazzjoni tal-kumpanija fuq citata. Id-dokument in disamina huwa dak risultanti minn folio 13 u l-klawsola gdida titratta 'pledging of shares'. Dawn il-fatti mhumiex kontestati mill-imputat li anzi jirrizulta, u dan mill-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Pulizija a folio 11 u 12, li mhux biss d-dokument ghamlu hu u li l-laqgha straordinarja qatt ma saret, izda wkoll li kien ghamel id-dokument biex inigges lis-socju tieghu Pio Camilleri bl-iskop li jsalu sabiex ibieghu l-villa residenza ta' oht l-ex ministru Lorry Sant peress li kien mhedded b'sekwestru tal-bank li jehodlu d-

dar fejn kien joqghod (kliem riprodotti mill-istqarrija tal-imputat u li fl-ebda stadju tal-proceduri ma gew ritrattati).

Issa, filwaqt li din il-qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiza dwar li d-data li fih allegatament sar ir-reat kellha tkun it-23 u mhux l-25 ta’ Novembru kif riportat fl-akkuza u dana stante li ghandu jirrizulta mid-dokument stess li ddahhal fl-ahhar imsemmija data, u wkoll ma taqbilx mad-difiza li fil-kaz il-prosekuzzjoni naqset li ggib l-ahjar prova, cioe’ l-istatut u l-inkartamenti awtentici tal-kumpanija, u dana minhabba l-ammissjonijiet tal-istess imputat risultanti mill-istqarrija tieghu kif fuq riportat, hi tal-fehma li l-kaz ghandu jsib l-ezitu tieghu fuq il-fatt jekk il-falsifikazzjoni fil-kaz specifiku tistax treggi fl-assenza ta’ gwadan jew beneficcju.  F’dan il-kuntest din il-qorti tghid illi d-dokument in kwistjoni jaqa’ taht l-ispecie tal-falz ideologiku ossija l-Artikolu 188 tal-Kap 9 koncernanti dokument pubbliku fuq l-iskorta tal-Artikolu 5(e) tal-Kap 13 fejn allura l-formazzjoni tieghu kien per se sufficjenti biex jissusisti r-reat ta’ falsifikazzjoni bl-applikazzjoni tal-massima “res ipsa in se dolum habet”.  Mill-provi in atti dan ghandu jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghalhekk u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kap 9 issib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u fuq l-iskorta tal-Artikolu 188 tikkundannah Lm100 multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------